

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>**Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż**
Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Italja

Titqies bħala **vittma ta' reat**, "parti leża", jekk ikun rikonoxxut li għandek **dritt legali** li huwa protett mil-liġi kriminali li nkiser b'att li jikkostitwixxi reat skont il-liġi nazzjonali, jiġifieri li tkun sofrejt id-dannu li huwa parti *essenzjali* mill-att kriminali.

Tkun **sofrejt dannu skont il-liġi ċivili bħala riżultat ta' reat** meta ssufri ħsara (materjali jew mhux materjali, madankollu, f'kull każ, dannu li jista' jiġi stmat f' termini finanzjarji) li tkun ir-riżultat ta' att kriminali. Normalment, il-parti leża fil-liġi kriminali u l-parti li sofriet id-dannu fil-liġi ċivili jkunu l-istess, ħlief pereżempju f'każ ta' omiċidju, fejn il-vittma tkun il-persuna maqtula, filwaqt li l-membri tal-familja tagħha jkunu l-parti li sofriet dannu u għandhom id-dritt li jittilgħu l-qorti u jiksbu kumpens għad-dannu li jkunu sofwew.

Il-liġi kriminali u l-liġi ċivili jagħtu lill-vittma diversi drittijiet individwali qabel il-proċedimenti, matul u warajhom.

FI-Italja, il-proċedimenti kriminali jibdeu bl-inkjesti preliminari. Il-pulizija u l-prosekutur pubbliku jinwestigaw il-każ. Fi tmiem dawn l-inkjesti, il-prosekutur pubbliku jista' jressaq akkużi jew jitleb lill-imħallef li jkollu f'idejġ l-inkjesti sabiex jagħlaq il-każ. Għal xi reati kriminali l-proċedimenti jistgħu jibdeu biss jekk int, bħala l-vittma, tippreżenta kwerela lill-pulizija jew lis-servizz tal-prosekuzzjoni.

Matul il-proċess il-qorti teżamina l-evidenza miġbura u tistabbilixxi jekk l-akkużat huwiex ħati. Il-proċedimenti jintemmu meta l-akkużat tinqatagħlu s-sentenza jew jiġi lliberat mill-qorti, bil-possibilità li jsir appell lill qorti superjuri.

Bħala vittma, jista' jkollok parti importanti fil-proċedimenti kriminali u għaldaqstant hemm għadd ta' drittijiet li tista' teżerċita. Tista' tipparteċipa bħala vittma (il-parti leża) **mingħajr status legali speċifiku, jew jista' jkollok rwol aktar attiv billi offiċjalment tiftaħ rikors ċivili kontra l-awtur tar-reat.**

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-inwestigazzjoni jew il-proċess

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

4 - Kumpens

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bhaliha attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni nirċievi mingħand l-awtorità wara li jkun seħħ reat (pereż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda qabel ma nirrapporta r-reat?

Malli jiġu notifikati bir-reat, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika u d-dipartiment tal-inwestigazzjoni kriminali (CID) jridu javzawk li, bħala l-parti vittma ta' reat, inti intitolat(a) taħtar avukat biex jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilek, u li inti intitolat(a) taċċessa għajnuna legali mill-Istat Taljan (l-Artikolu 101 tal-Kodiċi Taljan tal-Proċedura Kriminali (*Codice di proċedura penale jew c.p.p.*))

Wara l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni, inti tiġi pprovdut(a) b'informazzjoni, fl-lingwa li tifhem, relatata ma':

il-proċeduri għall-preżentazzjoni ta' rapport jew ta' kwerela, ir-rwol li int se taqdi fl-inwestigazzjoni u fil-proċess, id-dritt tiegħek li tiġi mgħarraf / mgħarraf bid-data u bil-post tal-proċess, u dwar l-akkużi, u, jekk tissieħeb fi proċedimenti bħala parti ċivili, id-dritt tiegħek li tirċievi notifika tas-sentenza, inkluż bħala sommarju

l-intitolament tiegħek għal parir legali u għal għajnuna legali, imħallsa mill-Istat Taljan

kif teżerċita d-dritt tiegħek għal servizzi ta' interpretazzjoni u għat-traduzzjoni ta' dokumenti tal-kawża

kwalunkwe miżura ta' protezzjoni li tista' tkun disponibbli għalik

id-drittijiet tiegħek rikonoxxuti bil-liġi jekk inti tirresjedi fi Stat Membru differenti tal-UE minn dak fejn seħħ ir-reat

kif tiġi rimborżata kwalunkwe spiża mgħarba bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-proċedimenti kriminali

il-possibilità li tftitex kumpens għal ħsara jew għal dannu mgħarba bħala riżultat tar-reat

il-possibilità li tikseb soluzzjoni għall-proċedimenti billi tirtira l-ilment jew permezz ta' medjazzjoni

id-drittijiet li ser ikollok fil-proċedimenti fejn il-konvenut jitleb sospensjoni tal-proċedimenti bi probation jew f'dawk li fihom tapplika eżenzjoni mill-piena minħabba n-natura trivjali tar-reat

faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fiż-żona lokali, faċilitajiet residenzjali, ċentri ta' refuġju u ta' kenn

(Artikolu 90bis c.p.p.)



Jien ma ngħix fil-pajjiż fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?

Jekk ma titkellimx jew ma tifnimx bit-Taljan, int għandek id-dritt li tuża lingwa li taf meta tippreżenta rapport jew tagħmel ilment quddiem l-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti distrettwali tal-prim'istanza (*tribunale*). Bl-istess mod, int għandek id-dritt li, fuq talba, il-konferma tar-riċevuta tar-rapport jew tal-ilment tiegħek tiġi tradotta fl-lingwa li taf (Artikolu 107^âter tal-Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Disposizioni di Attuazione del Codice di Proċedura Penale jew disp.att.*)).

Jekk għandek residenza jew domiċilju fl-Italja, il-Prosekutur Pubbliku jibgħat ir-rapporti jew l-ilmenti relatati mar-reati mwettqa fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea lill-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell (*Corte di appello*), biex dan ikun jista' jgħaddihom lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti (Artikolu 108ter disp.att.).

Jekk jogħġbok ara wkoll:

L-Artikoli 1 sa 5 tad- **Digriet Leġiżlattiv (Decreto Legislativo) Nru 204 tad-9 ta' Novembru 2007** (implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/80/KE li għandha x' taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' reati)

L-Artikoli 2 sa 6 tad- **Digriet Nru 222 tat-23 ta' Diċembru 2008** (implimentazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 204/2007), l-Artikolu 11 tal- **Liġi Nru 122 tas-7 ta' Lulju 2016** (Liġi Ewropea 2015-2016 kumpens lill-vittmi ta' reati vjolenti)

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievi?

Wara l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni, inti tiġi pprovdut(a) b'informazzjoni, f'lingwa li inti tifhem, relatata ma' id-dritt tiegħek li tirċievi informazzjoni relatata mal-istatus tal-proċedimenti, u tal-entrati fir-Reġistru Uffiċjali tar-Reati Rrapportati id-dritt tiegħek li tiġi informat(a) dwar talba għall-għeluq tal-proċedimenti kif tikkontesta kwalunkwe ksur ta' drittijietek

l-awtoritajiet li mingħandhom tista' tikseb informazzjoni dwar il-kawża tiegħek

kif tiġi rimborżata kwalunkwe spiża mġarrba bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-proċedimenti kriminali

Fil-proċedimenti għal reati vjolenti kontra l-persuna, jekk int titlob hekk, tiġi informat(a) minnufih, permezz tas-CID, dwar it-tnejn għar-rilaxx jew għat-terminazzjoni ta' ordni ta' detenzjoni, u tiġi informat(a) ukoll fil-ħin, bl-istess mod, jekk il-konvenut jaħrab mid-detenzjoni ta' qabel il-proċess jew mill-fabs, u jekk hu jonqos b'mod deliberat milli jikkonforma ma' ordni ta' detenzjoni, sakemm dan ma jkunx jixħet lit-trasgressur f'riskju propju (Artikolu 90ter c.p.p.).

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni mingħajr ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

L-awtorità tal-prosekuzzjoni tinnomina traduttur meta dokument ikollu bżonn jiġi tradott f'lingwa barranija jew fi djalett li ma jistax jinftiehem faċilment, jew interpretu meta int tkun trid jew ikollok tagħmel dikjarazzjoni u ma titkellimx bit-Taljan. Id-dikjarazzjoni tista' ssir bil-miktub u tiddaħħal fir-rapport, bit-traduzzjoni pprovduta minn traduttur.

L-awtorità tinnomina interpretu, minn jeddha fejn xieraq, jekk int ma titkellimx jew ma tifhimx it-Taljan u trid tinstema' x-xhieda tiegħek, u f'każijiet li fihom int tkun tixtieg tieħu sehem f'seduta u titlob l-assistenza ta' interpretu.

Fejn possibbli, l-assistenza ta' interpretu tista' tinkiseb ukoll bl-użu ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni remota, dment li l-interpretu ma jkunx meħtieġ ikun preżenti fiżikament biex int teżerċita drittijietek kif xieraq jew biex tifhem bis-siħ il-proċedimenti.

Jekk int ma titkellimx jew ma tifhimx bit-Taljan, għandek id-dritt għal traduzzjoni b'xejn tad-dokumenti jew ta' partijiet minnhom li jkun fihom informazzjoni relatata mal-eżerċizzju ta' drittijietek. It-traduzzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti f'forma verbali jew fil-forma ta' sommarju, jekk l-awtorità tal-prosekuzzjoni ma tqisx li din tkun ta' ħsara għad-drittijiet tiegħek (Artikolu 143bis c.p.p.).

Jekk ma titkellimx jew ma tifhimx bit-Taljan, int għandek id-dritt li tuża lingwa li taf meta tippreżenta rapport jew tagħmel ilment quddiem l-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-qorti distrettwali tal-prim'istanza. Bl-istess mod, int għandek id-dritt li, fuq talba, il-konferma tar-riċevuta tar-rapport jew tal-ilment tiegħek tiġi tradotta f'lingwa li taf (Artikolu 107ter disp.att).

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed ninftehem (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabilità)?

L-awtorità tal-prosekuzzjoni tinnomina traduttur meta dokument ikollu bżonn jiġi tradott f'lingwa barranija jew fi djalett li ma jistax jinftiehem faċilment, jew interpretu meta int tkun trid jew ikollok tagħmel dikjarazzjoni u ma titkellimx bit-Taljan. Jekk int minorenni, tista' tiġi ordnata perizja mill-imħallef, inkluż fuq mozzjoni tiegħu stess, jekk ma jkunx hemm ċertezza rigward l-età tiegħek (hu mifhum li, f'każ ta' dubju, int tiġi preżunt(a) minorenni għall-finijiet ta' applikazzjoni tal-linji gwida proċedurali). L-istess perizja tista' tintuża biex jiġi ddeterminat jekk għandek xi diżabilità.

Artikolu 351(1-ter) c.p.p.

Fil-proċedimenti għal reati li jaqgħu taħt l-Artikoli 572, 600, 600-bis, 600-ter, 600-quater, 600-quater.1, 600-quinquies, 601, 602, 609-bis, 609-quater, 609-quinquies, 609-octies, 609-undecies u 612-bis tal-Kodiċi Kriminali Taljan, jekk is-CID jeħtieġ xhieda sommarja mingħand minorenni, dan irid ifittex l-assistenza ta' psikologu kwalifikat jew ta' psikjatra tat-tfal kwalifikat, nominat mis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika. L-istess japplika meta tkun meħtieġa xhieda sommarja mingħand adulti fi stat partikolarment vulnerabli. F'kull każ hu garantit li, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, individwi partikolarment vulnerabli ma jkollhomx xi kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma jintalbox jagħtu xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni.

Artikolu 362(1bis) c.p.p.

Fi proċedimenti għal reati skont l-Artikoli 351 (1ter), is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jrid ifittex l-assistenza ta' espert fil-psikoloġija jew fil-psikjatrija tat-tfal meta jisma' x-xhieda tal-minorenni. L-istess japplika meta tkun meħtieġa xhieda sommarja mingħand adulti fi stat partikolarment vulnerabli. F'kull każ hu garantit li, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, individwi partikolarment vulnerabli ma jkollhomx xi kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma jintalbox jagħtu xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni.

Artikolu 498(4) sa (4 quater) c.p.p.

4. L-eżaminazzjoni tal-minorenni bħala xhieda, inklużi l-mistoqsijiet u l-oġġezzjonijiet tal-partijiet, issir mill-imħallef li jippresjedi. Meta jagħmel l-eżaminazzjoni, l-imħallef li jippresjedi jista' jfittex l-assistenza ta' wieħed mill-qraba tal-minorenni jew ta' psikologu kwalifikat tat-tfal. Wara li jisma' lill-partijiet, jekk l-imħallef li jippresjedi jqis li l-minorenni ma jġarrabx tbatija matul interrogazzjoni diretta, dan jordna li x-xhieda għandha tipproċedi bil-mod spjegat fit-taqsimiet preċedenti. L-ordni tista' tiġi revokata matul l-interrogazzjoni.

4bis Jekk parti minnhom titlob hekk, jew jekk l-imħallef li jippresjedi jqis li hemm bżonn li jsir hekk, japplikaw il-proċeduri spjegati fl-Artikolu 398(5a).

4-b Fi proċedimenti għal reati li jaqgħu taħt l-Artikoli 572, 600, 600a, 600b, 600c, 600d, 601, 602, 609-a, 609-b, 609-c, 609-g u 612-a tal-Kodiċi Kriminali Taljan, il-vittmi tar-reat(i) li jkunu minorenni jew adulti b'marda mentali jiġu interrogati, b'talba tagħhom jew b'talba tal-avukat tagħhom, bl-użu ta' ħġieġa mera u permezz ta' sistema ta' intercom.

4quater. Mingħajr ħsara għat-taqsimiet ta' qabel, jekk il-parti vittma ta' reat tkun fi stat partikolarment vulnerabli u jkollha bżonn tiġi interrogata, l-imħallef, jekk il-vittma jew inkella l-avukat tagħha jttlob hekk, jordna t-teħid ta' miżuri kawtelatorji.

Artikolu 398(5quater) c.p.p.

Mingħajr ħsara għat-taqsimiet 5ter, jekk il-parti vittma ta' reat tkun fi stat partikolarment vulnerabli u jkollha bżonn tiġi interrogata, japplikaw id-dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu 498(4-quater).

Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jipprovdi l-appoġġ għall-vittmi?

Jiġi pprovdut appoġġ lill-vittmi ta' reat mill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fir-reġjun, minn faċilitajiet residenzjali, minn Ċentri ta' refuġju, ta' kenn u minn faċilitajiet oħra ġestiti minn organizzazzjonijiet lokali u reġjonali. Ġeneralment, ħafna mir-reġjuni jkollhom network ta' assoċjazzjonijiet li jikkonsisti f'organizzazzjonijiet lokali, fl-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku, fil-grati distrettwali u fis-servizzi tas-saħħa li joffru appoġġ b'xejn lill-vittmi ta' kwalunkwe tip ta' reat.

Il-pulizija tirrefereni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?

Iva. B'mod partikolari jekk int vittma ta' ċerti tipi ta' reat (pereżempju traffikar, abbuż fil-familja, attakk sesswali), hemm organizzazzjonijiet ferm stabbliti li jidhru f'kuntatt mas-servizzi ta' infurzar tal-liġi li jipprovdu l-informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' refuġju jew residenzjali disponibbli biex jieħdu ħsiebek.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Jekk int partikolarment vulnerabbli, hu garantit li f'kull każ, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, int ma jkollok ebda kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma tinalabx tagħti xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni. Barra minn hekk, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 196 tat-30 ta' Ġunju 2003 (Kodiċi dwar il-Protezzjoni ta' Data Personali) fih regoli speċifiċi għall-proċessar ta' data ġudizzjarja, immirati lejn il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà ta' din. Minbarra dan, hu meqjus li ladarba int, bħala vittma, tassumi l-istatus ta' parti vittma ta' reat fi proċedimenti kriminali, tkun meħtieġa(a) tixhed il-qorti. Il-kodiċi jipprovdi regoli rigward il-modi li bihom dan irid iseħħ, li għandhom l-għan li jipprevjenu milli int ikollok tirrepeti x-xhieda tiegħek diversi drabi (seduta ta' qabel il-proċess - *incidente probatorio*) u regoli li jħarsu d-dritt tiegħek bħala vittma biex ma jkollok ebda kuntatt mal-parti investigata/mal-persuna akkużata. Jekk int vittma taħt it-18-il sena, l-istampa tiegħek ma tistax tidher f'gazzetti, u lanqas ismek. Il-punt imsemmi l-aħħar japplika għal vittmi li għalqu t-18-il sena u aktar ukoll. Is-sistema għandha l-għan li tipprevjeni t-tixrid tad-data personali tiegħek u ta' informazzjoni li tista' tidentifikak.

Għandi nirraporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?

L-aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi mhux kontinġenti għar-rapportar tar-reat.

Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

F'ċerti ċirkustanzi, previsti mil-liġi (Artikoli 273 u 274 c.p.p.), li tabilħaqq jistgħu jinkludu, *inter alia*, is-sitwazzjoni perikoluża li fiha int tista' ssib ruħek bħala parti vittma ta' reat (periklu li jirriżulta b'mod partikolari mill-possibbiltà li t-trasgressur ikompli jġib ruħu b'mod illegali), l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw li l-awtur jiġi soġġett għal miżuri superviżorji. Pereżempju, dan jista' jidher minnufih mid-dar tal-familja; jista' jiġi pprojbit milli jmur f'postijiet li int iżżur ta' spiss, u jista' jiġi pprojbit milli jgħix f'ċerti postijiet. Inkella, jista' jidher taħt arrest domiciliari jew f'detenzjoni ta' qabel il-proċess.

Int għandek id-dritt li tiġi informat(a) dwar it-talbiet ta' revoka jew ta' sostituzzjoni tal-miżuri superviżorji imposti fuq it-trasgressur, tippreżenta dikjarazzjonijiet tad-difiża b'oppożizzjoni fi żmien jumejn, jew li tgħid dak li taħseb (Artikolu 299 c.p.p.). Int għandek ukoll id-dritt li tiġi informat(a) dwar l-ordnijiet tal-qorti li jinbidlu, jiġu revokati jew sostitwiti l-miżuri superviżorji fis-seħħ kontra l-persuna suspettata.

Speċjalment meta tkun partikolarment vulnerabbli, minorenni jew vittma ta' ċerti reati, jistgħu jiġu ordnati prekawżjonijiet proċedurali oħra wkoll, b'mod partikolari:

jekk int partikolarment vulnerabbli, hu garantit li f'kull każ, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, int ma jkollok ebda kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma tinalabx tagħti xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji;

jekk int minorenni u s-CID jeħtieġ xhieda sommarja mingħandek, dan irid ifittex l-assistenza ta' psikologu kwalifikat jew ta' psikjatra tat-tfal kwalifikat, nominat mis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika (Artikolu 351(1a) c.p.p.);

jekk int minorenni u s-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jeħtieġ xhieda mingħandek, dan irid ifittex l-assistenza ta' psikologu kwalifikat jew ta' psikjatra tat-tfal kwalifikat. Jekk int partikolarment vulnerabbli, hu garantit li f'kull każ, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, int ma jkollok ebda kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma tinalabx tagħti xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni (Artikolu 362 (1-bis) c.p.p.);

L-eżami ta' minorenni bħala xhieda jsir mill-imħallef li jippresjedi u dan jista' jfittex l-assistenza ta' wieħed mill-qraba tal-minorenni jew ta' psikologu kwalifikat tat-tfal. (Artikolu 498 c.p.p.);

Jekk parti titlob hekk, jew l-imħallef li jippresjedi jqis li hu neċessarju li jsir hekk, meta waħda mill-partijiet li tkun se tixhed tkun minorenni, il-qorti tista' toħroġ ordni li tistabbilixxi l-post, il-ħin u l-proċeduri partikolari għas-seduta ta' qabel il-proċess, fejn din tkun neċessarja u xierqa għall-protezzjoni tal-persuni involuti. Is-seduta tista' ssir xi mkien ieħor li ma jkunx il-qorti tal-prim'istanza, u l-qorti tista' tagħmel użu minn faċilitajiet speċjalizzati, jew, jekk dawn ma jkunux disponibbli, mid-dar tal-persuna li qed tixhed;

id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda jridu jiġu reġistrati fis-sħuħija tagħhom bl-użu ta' midja fonografika jew awdjoviżiva. Jekk ma jkun hemm ebda tagħmir ta' reġistrazzjoni jew persunal tekniku disponibbli, għandhom jiġu pprovduti perizji jew konsulenza teknika;

f'każijiet relatati ma' reati vjolenti, il-vittmi tar-reati li jkunu minorenni jew adulti b'marda mentali jiġu interrogati, fuq talba tagħhom jew fuq talba tal-avukat tagħhom, bl-użu ta' ħġieġ mera u ta' sistema ta' intercom.

Min jista' joffrili protezzjoni?

(Ara aktar 'il fuq)

Hemm xi ħadd li jivaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inix f'riskju ta' aktar ħsara mit-trasgressur?

Jekk ikun hemm xi rekwiżiti ta' protezzjoni speċjali, il-liġi teħtieġ li l-vittmi ta' reat issirilhom valutazzjoni individwali biex jiġi ddeterminat jekk kieku jibbenefikawx, u jekk iva, kemm, minn miżuri speċjali matul il-proċedimenti. Tingħata attenzjoni partikolari jekk int minorenni u/jew partikolarment vulnerabbli. Huwa l-imħallef li jiddetermina jekk hux int tirċivix miżuri ta' protezzjoni adattati matul il-proċedimenti kriminali. Matul l-investigazzjoni, l-interrogazzjonijiet tiegħek iridu jsiru f'postijiet xierqa u jsiru minn professjonisti kwalifikati. Jekk il-vittmi jinkludu minorenni, il-qorti tal-minorenni trid tiġi informata biex tivvaluta s-sitwazzjoni u l-miżuri ta' protezzjoni. Biex tiproteġik minn reati oħra, il-qorti tal-prim'istanza tista' timponi restrizzjonijiet fuq il-libertà tat-trasgressur (kustodja l-ħabs, projbizzjoni milli jżur postijiet li int iżżur ta' spiss, tneħħija mid-dar tal-familja). L-applikazzjoni ta' miżuri bħal dawn trid tiġi komunikata lilek (Artikolu 282-quater c.p.p.). Int tista' titlob ukoll li l-imħallef, meta jordna li t-trasgressur jitneħħa mid-dar tal-familja, jew inkella li wara, jordna wkoll li t-trasgressur iħallas manteniment fix-xahar (Artikolu 282bis c.p.p.). Il-kwartieri ġenerali provinċjali rilevanti tal-pulizija (*Questura*) ikollhom uffċju li jeżerċita setgħat simili.

Ikun hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Il-vittmi ta' reati vjolenti, jekk ikunu minorenni jew fi stat partikolarment vulnerabbli, għandhom id-dritt li jixhdu filwaqt li jkun hemm miżuri protettivi fis-seħħ. B' mod partikolari, jistgħu jsiru arranġamenti li jipprevjenu milli int tidħol f'kuntatt mat-trasgressur matul l-investigazzjoni jew il-proċess. Barra minn hekk, jekk int partikolarment vulnerabbli, ikun possibbli li jintużaw reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek, anki meta dawn ma jkunux assolutament neċessarji.

Linji gwida għal riferiment

(l-Artikolu 413 c.p.p.): Applikazzjoni mill-individwu investigat jew mill-vittma tar-reat

L-individwu investigat jew il-vittma tar-reat jistgħu japplikaw mal-Prosekutur Ġenerali biex joħroġ ordni ta' riferiment skont l-Artikolu 412(1) (jekk is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika ma jipproċedix bil-prosekuzzjoni jew ma jittobx l-għeluq sal-iskadenza prevista mil-liġi jew kif estiża mill-imħallef).

Jekk jiġi ordnat riferiment, il-Prosekutur Ġenerali jmexxi investigazzjonijiet preliminari neċessarji u jagħmel kwalunkwe talba fi żmien 30 jum mill-preżentazzjoni tar-rikors, kif previst fl-Artikolu 412(1).

X'tip ta' protezzjoni hu disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Stat ta' vulnerabbiltà partikolari f'vittma jista' jiġi inferit, minbarra mill-età u minn kwalunkwe diżabbiltà fiżika jew insuffiċjenza psikoloġika, mit-tip ta' reat, u mill-proċeduri u miċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni. Biex tiġi vvalutata l-vulnerabbiltà, jiġi kkunsidrat jekk il-każ jinvolvi reat vjolenti kontra l-persuna jew reat ta' mibegħda razzjali, jekk hux relatat mal-kriminalità organizzata jew mat-terroriżmu, inkluż f'livell internazzjonali, jew mat-traffikar tal-bnedmin, jekk seħħ bħala riżultat ta' diskriminazzjoni, u jekk il-vittma hix emozzjonalment, psikoloġikament jew ekonomikament dipendenti fuq it-trasgressur (Artikolu 90 quater c.p.p.).

Jekk int partikolarment vulnerabbli, ikunu permessi reġistrazzjonijiet awdjovivi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek fi kwalunkwe każ, anki meta dan ma jkunx assolutament neċessarju.

REKWIŻITI EVIDENZJALI F'KAŻIJET SPEĊIFIĊI â€ F'każijiet relatati ma' reati ta' abbuż kontra membri tal-familja u konjuġi, soġġettar jew żamma fi skjavitù, prostituzzjoni ta' tfal, pornografija ta' tfal, pornografija virtwali, inizjattivi tat-turiżmu mmirati lejn l-isfruttament ta' prostituzzjoni tat-tfal, traffikar tal-bnedmin, xiri u bejgħ ta' skjavi, attakk sesswali, reati aggravati, atti sesswali ma' minorenni, attakk sesswali fi grupp, sollecitament ta' minorenni u stalking, jekk int fi stat partikolarment vulnerabbli u hemm talba biex int tixhed, jekk int diġà għamilt dikjarazzjonijiet matul is-seduta ta' qabel il-proċess jew f'seduta ta' kontroeżami mal-persuna li kontrieha jkun se jintużaw dawn id-dikjarazzjonijiet, jew jekk ikun hemm rekords bil-miktub tad-dikjarazzjonijiet tiegħek, int tkun meħtieġ(a) tixhed biss jekk din ix-xhieda tkun relatata ma' fatti u ma' ċirkustanzi differenti minn dawk diskussi fid-dikjarazzjonijiet preċedenti tiegħek, jew jekk l-imħallef jew waħda mill-partijiet iqsu li hemm bżonn li dan isir fuq il-bażi ta' rekwiżiti speċifiċi.

XHIEDA SOMMARJA - jekk is-CID jeħtieġ xhieda sommarja mingħand il-vittmi fi stat ta' vulnerabbiltà partikolari, anki jekk ikollhom aktar minn 18-il sena, dan irid ifittex l-assistenza ta' psikologu kwalifikat jew ta' psikjatra tat-tfal kwalifikat, nominat mis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika. F'kull każ hu ggarantit li, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, individwi partikolarment vulnerabbli ma jkollhom xi kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma jintalbu jagħtu xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni (Artikolu 351(1-ter)).

KUMPILAZZJONI - jekk is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jeħtieġ xhieda sommarja mingħand il-vittmi fi stat ta' vulnerabbiltà partikolari, anki jekk ikollhom aktar minn 18-il sena, dan irid ifittex l-assistenza ta' psikologu kwalifikat jew ta' psikjatra tat-tfal kwalifikat. F'kull każ hu garantit li, fejn tkun meħtieġa xhieda sommarja, individwi partikolarment vulnerabbli ma jkollhom xi kuntatt mal-persuna li tkun qed tiġi investigata u ma jintalbu jagħtu xhieda sommarja ripetutament, sakemm dawn ma jirriżultawx assolutament neċessarji għall-investigazzjoni (Artikolu 362(1-bis)).

EŻAMI TAX-XHIEDA: L-eżami tax-xhieda tiegħek, inklużi l-mistoqsijiet u l-kontroreplik tal-partijiet, jitmexxa mill-imħallef li jippresjedi. Meta jagħmel l-eżami tax-xhieda, l-imħallef li jippresjedi jista' jfittex l-assistenza ta' wieħed mill-qraba tiegħek jew ta' psikologu kwalifikat tat-tfal. Wara li jisma' lill-partijiet, jekk l-imħallef li jippresjedi jqis li int ma tkunx se ġġarrab tbatija matul interrogazzjoni diretta, dan jordna li x-xhieda għandha tipproċedi bil-mod spjegat fit-taqsimiet preċedenti. L-ordni tista' tiġi revokata matul l-interrogazzjoni (Artikolu 498 c.p.p.).

Jekk parti minnhom titlob hekk, jew jekk l-imħallef li jippresjedi jqis li hemm bżonn li jsir hekk, ikunu japplikaw il-proċeduri spjegati fl-Artikolu 398(5-bis) (seduta għas-smiġħ tax-xhieda qabel il-proċess, ara hawn taħt).

SEDUTA GĦAS-SMIĠĦ TAX-XHIEDA QABEL IL-PROĊESS - (Artikolu 398(5-bis)) Jekk parti titlob hekk, jew jekk l-imħallef li jippresjedi jqis li hemm bżonn li jsir hekk, għandhom japplikaw il-proċeduri li ġejjin: fil-każ ta' investigazzjonijiet relatati ma' reati ta' abbuż kontra membri tal-familja jew konjuġi, soġġettar jew żamma fi skjavitù, prostituzzjoni ta' tfal, pornografija ta' tfal, pornografija virtwali, inizjattivi tat-turiżmu mmirati lejn l-isfruttament ta' prostituzzjoni tat-tfal, traffikar tal-bnedmin, xiri u bejgħ ta' skjavi, attakk sesswali, reati aggravati, atti sesswali ma' minorenni, attakk sesswali fi grupp, sollecitament ta' minorenni jew stalking, jekk hemm adulti fi stat partikolarment vulnerabbli fost dawk li jridu jixhdu, il-qorti tista' toħroġ ordni li tistabbilixxi l-post, il-ħin u l-proċeduri partikolari għas-smiġħ tax-xhieda, fejn din tkun neċessarja u xierqa għall-protezzjoni tal-persuni involuti. Is-seduta tista' ssir xi mkien ieħor li ma jkunx il-qorti tal-prim'istanza, u l-qorti tista' tagħmel użu minn faċilitajiet speċjalizzati, jew, jekk dawn ma jkunx disponibbli, mid-dar tal-persuna li qed tixhed. Id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda jridu jiġu reġistrati fis-sħuħija tagħhom bl-użu ta' midja fonografika jew awdjoviva. Jekk ma jkun hemm ebda tagħmir ta' reġistrazzjoni jew persunal tekniku disponibbli, għandhom jiġu pprovduti perizji jew konsulenza teknika. Jiħtejja wkoll rapport miktub tal-eżami, fil-forma ta' sommarju. Traskritt tar-reġistrazzjoni jkun disponibbli biss fuq talba tal-partijiet.

Jekk int fi stat partikolarment vulnerabbli u jkun hemm bżonn li ssirhekk interrogazzjoni, l-imħallef, jekk int jew l-avukat tiegħek titolbu dan, jordna t-teħid ta' miżuri protettivi (Artikolu 498(4-quater) c.p.p.).

Fil-proċedimenti relatati mar-reati msemmija aktar 'il fuq, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, inkluż fuq talba tiegħek jew fuq it-talba tal-persuna investigata, jista' jittlob li int tixhed fis-seduta ta' qabel il-proċess, anki f'każijiet fejn dan ma jkunx indikat bħala rekwiżit. Jekk int tinsab fi stat partikolarment vulnerabbli, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, inkluż fuq talba tiegħek jew fuq it-talba tal-persuna investigata, jista' jittlob li int tixhed fis-seduta ta' qabel il-proċess (Artikolu 392 c.p.p.).

Il-kumpilazzjoni li teħtieġ il-parteċipazzjoni ta' vittmi fi stat partikolarment vulnerabbli tista' ssir permezz tal-proċedura fdata ta' seduta qabel il-proċess, strument li għandu l-għan li, *inter alia*, jipprevjeni milli ġġarrab ħsara ulterjuri (vittimizazzjoni sekondarja) minħabba l-involvement kostanti tiegħek fil-proċess legali.

GĦAJNUNA LEGALI â€ Jekk int vittma ta' reati relatati ma' abbuż ta' membri tal-familja u ta' konjuġi, ma' mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa, ma' attakk sesswali, ma' atti sesswali ma' minorenni, ma' attakk sesswali fi grupp u ma' stalking, int **dejem** tkun intitolat(a) għal għajnuna legali b'xejn, anki meta l-introjtu tiegħek ikun ogħla mill-limitu stabbilit bil-liġi għall-intitolament għal din. Jekk int minorenni, l-istess japplika jekk tkun vittma ta' reati relatati ma' soġġettar jew ma' żamma f'servitudni jew fi skjavitù, ma' prostituzzjoni tat-tfal, ma' pornografija tat-tfal, ma' inizjattivi tat-turiżmu mmirati lejn l-isfruttament ta' prostituzzjoni tat-tfal, mat-traffikar tal-bnedmin, max-xiri u l-bejgħ ta' skjavi u mal-korrompiment ta' minorenni.

Jien minorenni. Għandi drittijiet speċjali?

(Ara aktar 'il fuq)

Il-membri tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat - x'inhuma drittijiet?

Jekk il-vittma tar-reat tisfa deċeduta, l-aktar qraba li jiġu minn viċin il-vittma jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilha bil-liġi.

(Artikolu 90(3) c.p.p.).

Il-membri tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat - x'inhuma drittijiet?

(Ara aktar 'il fuq)

Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Ser inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?

Il-Medjazzjoni Kriminali għandha l-bażi tagħha fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 274/2000, li jippermetti li vittma tiftaħ kawża direttament kontra t-trasgressur biex titlob kumpens għall-interessi tagħha li ġew preġudikati. Din is-setgħa hi eżegwibbli biss b'rabta ma' reati li kontriehom tista' tippreżenta kwerele (reati anqas serji).

Biex tinfetaħ u ssir medjazzjoni kriminali, ikun meħtieġ il-kunsens tal-partijiet biex jintlaħaq qbil sodisfaċenti. Matul il-proċedimenti, il-Kummissarju tal-Paċi ("giudice di pace", bit-Taljan) jrid jippromwovi l-konċiljazzjoni bejn il-partijiet sa fejn possibbli. Reati taħt il-ġurisdizzjoni ta' Kummissarju tal-Paċi li, min-natura tiegħu stess, huwa adattat għall-medjazzjoni, jinkludu: malafama, libell, attakk komuni, swat, korrimenti personali minuri, vandaliżmu.

Barra minn hekk, il-partijiet għall-proċedimenti kriminali jew l-avukati tagħhom jistgħu japplikaw b'mod dirett mal-Uffiċċju tal-Medjazzjoni fid-dawl tad-definizzjoni alternattiva tal-proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' Kummissarju tal-Paċi kif previst fl-Artikolu 35 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 274/2000, jew fid-dawl ta' sentenza li r-reat spiċċa bis-saħħa tal-miżuri kompensatorji meħuda mit-trasgressur.

Għal reati li fir-rigward tagħhom tista' tippreżenta kwerele, int għandek permess li tapplika għal ċitazzjoni li tesiġi li l-individwu suspettat li wettaq ir-reat jidher quddiem Kummissarju tal-Paċi. L-applikazzjoni trid tiġi ffirmata minnek bħala l-parti vittma ta' reat, jew mir-rappreżentant legali tiegħek, u mill-avukat tiegħek.

Il-firma tiegħek tiġi attestata mill-avukat tiegħek. Jekk int minorenni taħt l-età ta' 14-il sena, għandek marda mentali jew inkapaċità, l-applikazzjoni trid tiġi ffirmata mill-ġenitur, mit-tutor sħiħ, mit-tutor limitat jew mit-tutor speċjali tiegħek. Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għandha l-istess effetti bħall-preżentazzjoni ta' kwerela (Artikolu 21).

Preżentazzjoni tal-applikazzjoni: l-applikazzjoni trid tintbagħat minn qabel lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika billi titwassal lis-segretarjat tiegħu, u mbagħad tiġi ppreżentata, mill-applikant, bl-evidenza tal-imsemmi twassil, quddiem l-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti għall-Kummissarju tal-Paċi lokali, fi żmien tliet xhur mir-rapportar tar-reat. Jekk diġà ppreżentajt kwerela fir-rigward tal-istess inċident, trid issemmi dan fl-applikazzjoni, tehmeż kopja tal-kwerela u ttipprezenta kopja oħra lis-segretarjat tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika. F'dan il-każ, il-Kummissarju tal-Paċi jordna l-akkwiżizzjoni tal-kwerela oriġinali (Artikolu 22). Sħubija fi proċedimenti bħala parti ċivili Jekk int tixtieq li tissieħeb fil-proċedimenti bħala parti ċivili, trid tagħmel dan, b'penali ta' telfa, meta jiġi ppreżentat ir-rikors. It-talba motivata għal kumpens jew għad-danni fir-rikors essenzjalment hi ekwivalenti għas-sħubija fil-proċedimenti bħala parti ċivili (l-Artikolu 23).

Ir-rikors ikun inammissibbli:

jekk jiġi ppreżentat tard;

jekk jiġi ppreżentat f'każijiet oħra għajr dawk previsti;

jekk ma jkunx fih l-informazzjoni meħtieġa jew ma jkunx iffirmat;

jekk id-deskrizzjoni tal-inċident jew l-identifikazzjoni tas-sorsi tal-evidenza ma tkunx suffiċjenti;

jekk ma jkun hemm ebda evidenza li s-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika ġie informat.

Talbiet mis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika (Artikolu 25): Fi żmien għaxart ijiem mill-preżentazzjoni tar-rikors, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jippreżenta t-talbiet tiegħu lill-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti għall-Kummissarju tal-Paċi. Jekk iquis li l-applikazzjoni hi inammissibbli, jew li jidher ċar li hi infondata, jew li hi ppreżentata quddiem Kummissarju tal-Paċi mingħajr ebda ġurisdizzjoni fir-reġjun, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika ma jaċċettax iċ-ċitazzjoni, jew jiddikjara l-att ta' imputazzjoni li jikkonferma jew ibiddel l-akkuża ta' tinsab fl-appell.

Ladarba tgħaddi d-data ta' skadenza, il-Kummissarju tal-Paċi jipproċedi anki jekk is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika ma jkunx ippreżenta talbiet. Jekk ma jgħid li l-applikazzjoni hi inammissibbli, jew infondata biċ-ċar, u fi f'dan il-ġurisdizzjoni tiegħu, il-Kummissarju tal-Paċi jgħid digriet li jħarrek lill-partijiet għal seduta fi żmien 20 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Applikazzjoni ppreżentata minn waħda minn diversi partijiet vittmi ta' reat ma żżommx lill-oħrajn milli jieħdu sehem fil-proċedimenti, bl-assistenza ta' avukat u bl-istess drittijiet bħall-applikant ewlieni. Il-partijiet vittmi ta' reat li jkunu involuti jistgħu jissieħbu fil-kawża ċivili qabel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tas-seduta. Jekk għas-seduta ma jattendux il-partijiet vittmi ta' reat li jkunu ġew imħarrka kif xieraq, dan hu ekwivalenti għal rinunzja tad-dritt biex jiġi ppreżentat ilment, jew għal irtirar tal-ilment, jekk diġà jkun ġie ppreżentat.

Seduta quddiem il-qorti: Tal-anqas sebat ijiem qabel id-data skedata għas-seduta quddiem il-qorti, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew int bħala l-parti vittma tar-reat tippreżentaw iċ-ċitazzjoni mal-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti għall-Kummissarju tal-Paċi bin-notifiki rilevanti.

L-imħallef, meta r-reat ikun wieħed li kontra tiegħu tista' tiġi ppreżentata kwerela, jipprovmovi konċiljazzjoni bejn il-partijiet. F'dan il-każ, fejn ikun ta' benefiċċju għall-finijiet ta' konċiljazzjoni, l-imħallef jista' jiddeferixxi s-seduta għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn u, fejn ikun hemm bżonn, jista' juża wkoll miżuri ta' medjazzjoni pprovduti miċ-ċentri u mill-faċilitajiet pubbliċi jew privati fir-reġjun. Fi kwalunkwe każ, dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet matul il-konċiljazzjoni ma jistgħu jintużaw bl-ebda mod għall-finijiet ta' deliberazzjoni (Artikolu 29).

Jekk tintlaħaq soluzzjoni, għandu jiffassal rapport li jikkonferma l-irtirar tal-kwerela jew ir-rinunzja tal-applikazzjoni u l-aċċettazzjoni relatata. Ir-rinunzja tal-applikazzjoni għandha l-istess effetti bħall-irtirar tal-kwerela.

Il-medjazzjoni tista' twasslek biex tirtira l-kwerela, li mbagħad iwassal għal dikjarazzjoni li l-kawża twaqqgħet minħabba nuqqas ta' kawża għal azzjoni. Barra minn hekk, eżitu pożittiv tal-medjazzjoni, peress li din tista' twassal għal kumpens għall-ħsara kkawżata mir-reat, jista' jirriżulta f'deċiżjoni li r-reat spiċċa bħala konsegwenza tal-kumpens mogħti mit-trasgressur qabel id-data quddiem il-qorti jew minħabba n-natura minuri tar-reat.

Fejn nista' nsib il-liġi li tgħid x'inhuma drittijiet?

Ir-regoli għall-protezzjoni tal-vittmi jinsabu fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, fid-[Digriet Leġiżlattiv Nru 212 tal-15 ta' Diċembru 2015](#), li jimplementa d-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet, l-ippoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reat, fid-[Digriet Leġiżlattiv Nru 204 tad-9 ta' Novembru 2007](#), fid-[Digriet Nru 222 tat-23 ta' Diċembru 2008](#) (li jimplementa d-Digriet Leġiżlattiv Nru 204/2007), fl-Artikolu 11 tal-[Liġi Nru 122 tas-7 ta' Lulju 2016](#) fid-dritt Ewropew 2015-2016 (kumpens għall-vittmi ta' reat kriminali) u f'sensiela ta' miżuri regolatorji oħra relatati mal-vittmi ta' tipi partikolari ta' reati.

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Kif nirrapporta reat?

Rapport jiġi ppreżentat meta individwu li jkollu għarfien dwar reat azzjonabbli pubblikament jinforma lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew lill-uffiċjal tas-CID dwaru. Ir-rapportar ta' reat mhuwiex obligatorju, iżda jsir hekk f'diversi każijiet previsti b'mod espliċitu mil-liġi. Ir-rapport fih id-dettalji essenzjali dwar l-inċident, u jindika d-data li fiha int issir taf bir-reat u s-sorsi tal-evidenza diġà mniżżla. Barra minn hekk, fejn possibbli, ikun fih id-dettalji personali, ir-residenza u kwalunkwe raġun oħra li tista' tgħin biex tiġi identifikata l-persuna suspettata li wettqet ir-reat, kif ukoll id-dettalji personali bħala l-parti vittma tar-reat u d-dettalji ta' kwalunkwe persuna oħra li tista' tipprovi informazzjoni rilevanti biex tgħin fl-istabbiliment ta' dak li seħħ. Jekk ma jingħatawx dettalji utli li jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni tal-persuna suspettata bir-reat, dan ma jżommx milli jinfetħu proċedimenti kriminali, peress li int tista' tirrapporta kontra persuni mhux magħrufa, liema rapport irid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju rilevanti tal-prosekutur mill-awtoritajiet tal-pulizija, flimkien ma' dettalji dwar kwalunkwe miżura investigattiva mwettqa biex jiġu identifikati l-awturi tar-reat.

Kwerela hija dikjarazzjoni li biha individwu li kien vittma ta' reat (jew ir-rappreżentant legali tiegħu) jesprimi xewqa li t-trasgressur jiġi mixli. Għandha x'taqsam ma' reati mhux azzjonabbli pubblikament. Id-dikjarazzjoni trid tiddekrivi r-reat imwettaq u trid tesprimi x-xewqa ċara tal-kwerelant li jipproċedi bl-allegazzjoni u li tingħata piena lill-parti haġja. Int tista' tirtira kwerela li tkun ippreżentajt fl-imgħoddi, ħlief f'każijiet ta' attakk sesswali jew ta' atti sesswali ma' minorenni. Biex il-kwerela titwaqqa', l-irtirar irid jiġi aċċettat mis-suġġett tal-kwerela li, jekk ikun innoċenti, minflok jista' jkun jixtieq juri permezz ta' proċess li hu ma kellu xejn x'jaqsam mar-reat.

Tiġi ppreżentata petizzjoni biex jintalab l-intervent tal-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn individwi privati, u din tiġi ppreżentata minn waħda mill-partijiet involuti jew mit-tnejn li huma. Wara talba għal intervent uffiċjali, l-uffiċjal tal-infurzar tal-liġi jstieden lill-partijiet biex

jattendu laqgħa bl-għan li jsir tentattiv favur konċiljazzjoni u jiffassal rapport. Jekk jiġi stabbilit li tliet taqad reat, l-uffiċjal tal-infurzar tal-liġi jrid jinforma lill-awtoritajiet ġudizzjarji, jekk dan ikun reat azzjonabbli pubblikament; jekk ikun reat azzjonabbli permezz ta' kwerela, dan jista' fuq talba, ifittex soluzzjoni preliminari għat-tilwima, li ma tippreġudikax id-dritt sussegwenti tiegħek li tippreżenta kwerela.

Rapporti, kwereli u petizzjonijiet iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċji ta' fergħa tal-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi (kwartieri ġenerali provinċjali tal-pulizija, għasses tal-pulizija lokali u ufficijji tal-pulizija militari (*Carabinieri*)). Rapport jew petizzjoni jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-prosekutur pubbliku wkoll.

Kif nista' nsir naf x'inhu jiġri bil-kawża?

Wara li tkun ippreżentajt rapport, int tiġi pprovdut(a) b'informazzjoni dwar l-awtoritajiet li tista' tikkuntattja jekk tixtieq tikseb informazzjoni dwar il-kawża, irwol li int ser taqdi fl-investigazzjoni u fil-proċess, id-dritt tiegħek li tiġi mgħarraf/mgħarrfa bid-data u bil-post tal-proċess u dwar l-akkuża, u, jekk tingħaqad fi proċedimenti magħquda bħala parti ċivili, id-dritt tiegħek li tirċievi notifika tas-sentenza, inkluż bħala sommarju. Barra minn hekk, int tista' tirċievi aġġornamenti dwar l-istatus tal-proċedimenti u tal-entrati fir-Reġistru Uffiċjali tar-Reati Rapportati; tiġi avżat(a) dwar kwalunkwe talba biex tingħalaq il-kawża, kif tikkontesta kwalunkwe ksur ta' drittijietek; u tista' taqbel dwar soluzzjoni għall-każ billi tirtira l-ilment, fejn possibbli, jew permezz ta' medjazzjoni (Artikolu 90bis tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Codice di proċedura penale* jew c.p.p.)).

Jien intitolat(a) għal għajjuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess kriminali)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Wara l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni, int tiġi pprovdut(a), fl-ingwa li tifhem, bl-informazzjoni relatata mal-intitolament tiegħek għal pariri legali u għal għajjuna legali, imħallsa mill-Istat Taljan (Artikolu 90-bis). Int tista' tippreżenta applikazzjoni għal għajjuna legali ffinanzjata mill-Istat skont ir-regolamenti stabbiliti bil-liġi dwar l-għajjuna għal dawk anqas privileġġjati (Artikolu 98 c.p.p.). Int tista' taċċessa wkoll għajjuna legali ffinanzjata mill-Istat jekk l-introjt tiegħek ma jaqbiżx il-limitu previst mil-liġi. Biex tkun eliġibbli għal għajjuna legali ffinanzjata mill-Istat, trid tippreżenta l-applikazzjoni rilevanti quddiem il-qorti tal-prim'istanza, fil-perjodu li jiġi eżatt wara dak tal-preżentata tar-rapport. Malli jitlesta l-ewwel stadju tal-proċedimenti li l-avukat tad-difiża għandu d-dritt li jattendi għalih, u, fi kwalunkwe każ, qabel l-istedina għall-interrogazzjoni, jew, mhux aktar tard minn meta ssir in-notifika li ġew konklużi l-investigazzjonijiet preliminari, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jrid jinnotifika lill-individwu investigat bil-miktub li nħatarlu avukat tad-difiża mill-qorti, għaliex inkella kwalunkwe att sussegwenti jkun null u bla effett (Artikolu 369bis c.p.p.).

Din in-notifika jrid ikun fiha:

- I-informazzjoni li hu obligatorju li wieħed ikollu avukat professjonist għad-difiża fi proċedimenti kriminali, b'informazzjoni dwar id-drittijiet mogħtija bil-liġi lill-individwu investigat;
- I-isem tal-avukat tad-difiża maħtur mill-qorti, l-indirizz u n-numru tat-telefown tiegħu;
- informazzjoni dwar id-dritt tal-akkużat li jinnomina l-avukat tad-difiża tiegħu stess, bil-parir li, jekk ma jagħmilx dan, dan ikun rappreżentat matul l-investigazzjoni mill-avukat imqabba mill-qorti;
- I-indikazzjoni li hu ser ikollu jħallas lill-avukat tad-difiża tiegħu mqabba mill-qorti, jekk hu ma jissodisfax ir-rekwiżiti biex jikseb għajjuna legali ffinanzjata mill-Istat, u t-twissija li jekk hu jiġi ddikjarat insolventi, jinfetħu proċedimenti ta' infurzar;
- d-bis) informazzjoni relatata mad-dritt għal interpretu u għat-traduzzjoni ta' dokumenti importanti;
- e) informazzjoni relatata mar-rekwiżiti għall-eliġibbiltà għal għajjuna legali ffinanzjata mill-Istat.

L-għajjuna legali mingħajr ħlas hi istituzzjoni bbażata fuq id-dritt għad-difiża mnaqqax fl-Artikolu 24 tal-Kostituzzjoni Taljana, li fuq il-bażi tiegħu kulħadd ikollu d-dritt għal assistenza fi kwalunkwe stadju u fi kwalunkwe livell tas-sistema ġudizzjarja, u jippermetti biex il-persuni f'diffikultajiet finanzjarji mhux talli jiksbu, bl-ispejjeż tal-Istat, l-assistenza ta' avukat u ta' speċjalisti, inkluż ta' konsulenti tekniċi, iżda lanqas ma jkollhom iħallsu l-ispejjeż tal-qorti. L-għajjuna legali mingħajr ħlas hi disponibbli għal kawżi kriminali u għal kawżi ċivili marbuta ma' kawżi kriminali, għal azzjonijiet supplimentari bħall-proċedimenti ta' infurzar kriminali, tas-sigurtà, ta' prevenzjoni u ta' sorveljanza, u finalment għal kawżi ċivili li joriġinaw minn proċedimenti kriminali.

L-eliġibbiltà biex tiġi taċċessata l-għajjuna legali mingħajr ħlas mhix disponibbli għaċ-ċittadini Taljani biss, iżda anki għal ċittadini barranin, anki jekk dawn ikunu soġġetti għal proċedimenti amministrattivi ta' tkeċċija, ma jkunux residenti fl-Italja jew ikunu apolidi li jgħixu fl-Italja.

Il-partijiet kollha għall-proċedimenti jistgħu japplikaw għal għajjuna legali b'xejn, iżda jekk int vittma ta' ċerti reati sesswali, ma jkunux japplikaw il-limitu tal-introjt stipulati mil-liġi.

L-Istat jipproteġi wkoll lil minorenni, li jistgħu jiksbu għajjuna legali mingħajr ħlas, u hekk ukoll il-persuni li jkun s-suġġett ta' investigazzjonijiet preliminari jekk jiġu arrestati, detenuti jew soġġetti għal miżuri ta' detenzjoni qabel il-proċess.

Biex tkun eliġibbli għall-għajjuna legali mingħajr ħlas, l-introjt tiegħek ma jistax ikun aktar mill-massimu stipulat bil-liġi, ekwivalenti għal EUR 11 369.24, b'kunsiderazzjoni ta' żieda ta' EUR 1 032.90 għal kull persuna oħra li tgħix miegħek.

Nista' nitlob l-ispejjeż (għall-parteċipazzjoni fl-investigazzjoni jew fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

L-għajjuna legali mingħajr ħlas, istituzzjoni bbażata fuq id-dritt għad-difiża mnaqqax fl-Artikolu 24 tal-Kostituzzjoni Taljana, tippermetti lill kull min jissodisfa r-rekwiżiti (b'raba maċ-ċirkustanzi ta' diffikultà finanzjarja) għal assistenza fi kwalunkwe stadju u fi kwalunkwe livell tas-sistema ġudizzjarja, mingħand avukat u speċjalisti, inklużi konsulenti tekniċi, bl-ispejjeż tal-Istat; din tippermetti wkoll għal eżenzjoni mill-ħlas tal-ispejjeż tal-qorti.

Nista' nappella jekk il-kawża tiegħi tingħalaq qabel nitla' l-qorti?

Jekk int tippreżenta kontestazzjoni għal talba ta' għeluq tal-kawża, int tkun qed titlob biex ikompli l-investigazzjonijiet preliminari. Int trid tiddeċiedi s-suġġett tal-investigazzjoni ulterjuri u tal-elementi korrispondenti tax-xhieda, għaliex inkella l-oppożizzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli. Jekk l-oppożizzjoni tiegħek tkun inammissibbli u l-avviż tar-reat ikun infondat, l-imħallef jordna l-għeluq tal-kawża permezz ta' digriet motivat, u jirritorna d-dokumenti lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika. Jekk it-talba ma tiġix aċċettata, l-imħallef jiffissa data għas-smiġh fl-awli għalik u għall-persuna investigata, filwaqt li jinforma lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika dwar dan. L-imħallef jinforma wkoll lill-Prosekutur Ġenerali fil-Qorti tal-Appell (*Corte di Appello*) li ġiet skedata s-seduta. Wara s-seduta, l-imħallef, jekk iqis li hemm bżonn li jsiru investigazzjonijiet ulterjuri, jindika dan permezz ta' ordni lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, filwaqt li jiffissa skadenza mhux negoziabbli li sa din iridu jitlestew dawn l-investigazzjonijiet. Jekk l-imħallef ma jaċċettax it-talba biex tingħalaq il-kawża, hu jordna lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika biex jiformula akkuża fi żmien għaxart ijiem. Fi żmien jumejn mill-ħruġ tal-akkuża, l-imħallef joħroġ digriet biex jiskeda s-seduta preliminari.

Jekk int vittma ta' reat vjolenti kontra l-persuna, barra minn dan, int dejjem ikollok id-dritt li tiġi informat(a) jekk issir talba biex tingħalaq il-kawża, anki jekk int ma titlobx li tiġi informat(a) b'mod espliċitu, u jkollok 20 jum minn meta tirċievi din in-notifika biex tara d-dokumenti u tippreżenta rikors motivat għat-tkomplija tal-investigazzjonijiet preliminari (l-Artikolu 408(3-bis) c.p.p.).

Kif nista' nkun involut(a) fil-proċess?

Bħala l-vittma tar-reat, int tista' tinnomina avukat biex jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilek. Biex tiżgura li int tirċievi l-komunikazzjonijiet li int intitolat(a) għalihom skont il-liġi, u biex teżerċita drittijiet speċifiċi, int trid tiddikjara u tindika indirizz għan-notifika. Int trid tikkomunika wkoll kwalunkwe tibdil f'dan l-indirizz matul il-proċedimenti kriminali. Jekk int innominajt avukat, ma għandekx bżonn tipprovi din l-informazzjoni, billi n-notifiki kollha jintbagħtu lilu.

Int għandek id-dritt li tippreżenta talbiet u tindika elementi tax-xhieda, kemm matul l-istadju tal-investigazzjoni kif ukoll matul il-proċess (Artikolu 90bis c.p.p.). Int tista' tivverifika wkoll l-entrati fir-Reġistru Uffiċjal tar-Reati Rapportati (Artikolu 335 c.p.p.). Trid tiġi informat(a) meta jitlestew il-perizji, li ma jistgħux jiġu ripetuti (Artikolu 360 c.p.p.). Int tista' tagħmel ukoll talba lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika għall-kumpilazzjoni fis-seduta ta' qabel il-proċess. Tista' titlob li

tiġi notifikat(a) dwar kwalunkwe talba għal differiment tal-investigazzjonijiet jew għall-għeluq tal-kawża, kemm minnufih meta tagħmel ir-rapport kif ukoll wara dan. Int trid titlob b'mod speċifiku biex tiġi informat(a) dwar talba għal differiment tal-investigazzjonijiet (Artikolu 406 c.p.p) u dwar talba għall-għeluq tal-kawża (Artikolu 408 c.p.p.). Meta jsir proċess, int ikollok id-dritt li tiġi informat dwar il-post, d-data u l-ħin tal-ewwel seduta; għas-seduti sussegwenti, int ma tiġix notifikat(a) u trid tikseb id-dati għall-aġġornamenti int stess mill-qorti tal-prim'istanza. M'għandekx l-obbligu li tattendi għas-seduti, ħlief meta jkollok titla' tixhed. Ladarba jiġu konklużi l-investigazzjonijiet, int ikollok id-dritt li tara d-dokumenti kollha relatati mal-kawża u li tagħmel kopji ta' dawn. Madankollu, meta jkun għadhom għaddejnin l-investigazzjonijiet, int ma tistax tagħmel dan, bħala regola, għad li s-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jista' jawtorizza li jsir hekk jekk ikun hemm raġunijiet speċjali għall-interess.

Meta jsir proċess kriminali u int tkun affettwat(a) mir-reat imwettaq, int tista' titlob kumpens u biex tiegħu sehem fil-proċess, billi tissieħeb fil-proċedimenti bħala parti ċivili.

X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien meqjus(a) jew nista' nagħżel li nkun meqjus(a) bħala: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?

Il-vittma, bħala l-persuna affettwata mir-reat, għandha d-drittijiet kollha indikati hawn fuq. Barra minn hekk, int tista' tinstema' bħala xhud fil-proċess u, jekk ikollok id-dritt għal kumpens għall-ħsara kkawżata mir-reat, int tista' tiftaħ kawża ċivili fil-proċess kriminali billi tissieħeb fil-proċedimenti bħala parti ċivili.

X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?

Mingħajr ħsara għal dak li hu stipulat hawn fuq b'rabta mad-drittijiet u mal-interessi tiegħek bħala l-parti vittma ta' reat, jekk int taġixxi wkoll bħala xhud, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Bħala xhud, int trid tidher quddiem l-imħallef u ssegwi l-istruzzjonijiet mogħtija lilek minnu rigward ir-rewiżiti proċedurali, u twieġeb għall-mistoqsijiet indirizzati lilek b'mod veritier. M'għandekx l-obbligu li tikxef xi ħaġa li tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali kontrik. Jekk dakinhar tas-seduta tinqala' problema li tagħmilhielek impossibbli li tattendi, int trid tgħarraf dwar dan fil-ħin, filwaqt li tindika r-raġuni għall-assenza tiegħek. F'dan il-każ, jekk l-imħallef li l-assistenza tiegħek hi ġustifikata, dan joħroġ taħrika oħra għal seduta sussegwenti. Jekk int tiġi mħarrek/mħarrika diversi drabi u tibqa' ma tidhirx, mingħajr ma tagħti raġuni leġittima, tista' tingħata skorta obbligatorja u jaf ikollok tħallas ukoll multa lill-Uffiċċju tal-Multi (*ċassa delle ammende*) u l-ispejjeż imġarrba minnuqqas ta' dehra tiegħek, skont it-tifsira tal-Artikolu 133 c.p.p. Int obligat(a) twieġeb għall-mistoqsijiet indirizzati lilek b'mod veritier. L-Artikolu 372 c.p.p. fiħ dispożizzjonijiet li jippenalizzaw lil xhieda li jirrifjutaw milli jwiegħbu, jagħmlu dikjarazzjonijiet foloz jew ma jiddikjarawx dak li jafu. Jekk ma tridx tixhed jew ma tikkooperax bħala xhud, tista' tingħata l-piena tal-ħabs. Xhud ma jistax jiġi detenut matul seduta. Jekk tirtira dikjarazzjoni falza, jew tikkonferma l-verità, qabel ma tinqata' s-sentenza, ma tistax tiġi akkużat(a) b'reat. Ma tiġġarrab ebda piena jekk tixhed falz biex issalva lilek innifsek jew lil qarib tiegħek minn kundanna kriminali (Artikolu 384 c.p.p.).

Nista' nagħmel stqarrija matul il-proċess jew nagħti x-xhieda tiegħi? Taħt liema kundizzjonijiet?

Int, bħala l-vittma tar-reat, tista' tidher bħala xhud ukoll. Id-dikjarazzjonijiet tiegħek jistgħu jintużaw bħala evidenza biex tiġi kkundannata l-persuna akkużata, jekk meta soġġetti għall-iskrutinju dawn ikollhom kredibilità oġġettiva kif ukoll suġġettiva. L-imħallef jista' jevalwa x-xhieda tiegħek liberament u jista' jkun ukoll li l-evidenza tiegħek biss li tiffirma l-bażi għall-kundanna tal-persuna akkużata. Trid tgħid il-verità, għad li m'għandekx l-obbligu li tinkrimina lilek innifsek (id-dritt għal silenzju). Qraba tal-persuna akkużata mhumiex obligati li jidheru bħala xhieda, sakemm huma nfushom ma jippreżentawx ir-rapport jew il-kwerela, jew f'każijiet li fihom huma jew qarib ikunu l-vittma tar-reat li jkun is-suġġett tal-proċedimenti. Int tista' tirtirjuta wkoll milli twieġeb mistoqsijiet li jistgħu jikxfu sigriet professjonali. Jekk tagħmel dikjarazzjonijiet matul l-investigazzjonijiet preliminari, int tkun intitolat(a) għal diversi miżuri protettivi.

X'informazzjoni nirdievi matul il-proċess?

(Ara aktar 'il fuq)

Inkun nista' nikseb aċċess għall-fajls tal-qorti?

Is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jdaħħal minnufih, fir-reġistru xieraq miżmum mill-uffiċċju tiegħek, avviż ta' kwalunkwe reat li jkun sar konxju tiegħu, jew li jkun skopra fuq inizjattiva tiegħu stess, u fl-istess ħin, jew malli jkun disponibbli, l-isem tal-persuna li hi suspettata li wettqet ir-reat. Jekk, matul l-investigazzjonijiet preliminari, il-karatterizzazzjoni legali tal-inċident tinbidel, jew jintwera li d-dettalji huma differenti, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jaġġorna l-entrati. L-entrati jiġu komunikati lill-persuna akkużata bir-reat, lilek bħala l-vittma u lill-avukati rispettivi, jekk jintalab li jsir hekk. Meta ssir talba għal informazzjoni dwar entrati fir-Reġistru Uffiċjali ta' Reati Rapportati, is-segretarjat tal-Prosekutur Pubbliku jipprovdi l-informazzjoni mitluba, jekk jeżistu t-tali entrati u ma jkun hemm x'jippreveni rispons. Inkella, dan jiddikjara li ma hemm l-ebda entrata li dwarha tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni. Jekk ikun hemm rekwiżiti speċifiċi rilevanti għall-investigazzjonijiet, is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, meta jiġi biex jiddeċiedi jekk jilqax it-talba, jista' jordna, permezz ta' digriet motivat, li l-entrati jibqgħu sigrieti għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur, u li ma jistax jiġi estiż (l-Artikolu 335 c.p.p.).

Is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, jekk ma jkunx se jitleb l-għeluq tal-proċedimenti, meta l-kawża tkun tikkonċerna abbuż ta' membri tal-familja u ta' sħab jew stalking, jinnotifika lir-rappreżentant legali tiegħek ukoll jew, jekk ma jkollokx wieħed, lilek stess, li l-investigazzjonijiet preliminari ġew konklużi (l-Artikolu 415-bis c.p.p.).

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?

Hi biss vittma li tissieħeb fil-proċedimenti bħala parti ċivili li jkollha dritt awtonomu li tappella, u fi kwalunkwe każ dan ikun limitat għall-protezzjoni tal-interessi ċivili tiegħek stess.

Skont il-Liġi Taljana Nru 46/2006, parti ċivili ma jibqax ikollha dritt ġenerali li tappella; int tista' tappella biss quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni (*Corte di Cassazione*).

Int tista' tippreżenta appell fil-każijiet li ġejjin:

kontra aspetti tal-kundanna relatati mal-kawża ċivili;

kontra sentenza ta' ħelsien rigward aspetti ċivili tal-kawża biss;

kontra aspetti tas-sentenza li jikkonċernaw id-dritt tiegħek għad-danni u għall-ispejjeż.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tinqata' s-sentenza?

F'termini ta' rieżami, jekk int, bħala vittma, isseħbit bħala parti ċivili, il-proċess li jiġi konkluż fis-sentenza li tixtiegħ titlob rieżami tagħha, int intitolat(a), ladarba jibda l-istadju tas-smiġħ, li tintervjeni rigward l-ammissibbiltà tat-talba nfisha. Dan japplika anki f'każijiet li fihom int tkun ftaħt appell straordinarju kontra sentenza fuq talba tal-partijiet, filwaqt li jiġi rikonoxxut f'sentenza speċjali li hu possibbli li titlob u tikseb sentenza li t-trasgressur jrodd lura l-ispejjeż legali.

Jien intitolat(a) għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 9 tal-11 ta' Frar 2015 jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Nru 2011/99/UE, li hi bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku u tirregola l-ordni Ewropea ta' protezzjoni biex jiġi garantit li l-miżuri adottati għall-protezzjoni ta' persuna kontra att kriminali, li jista' jagħmel ħsara lil dik il-persuna jew jipperikolalha ħajjitha, is-saħħa fiżika jew mentali tagħha, id-dinjità tagħha, il-libertà personali jew l-integrità sesswali tagħha, jinżammu anki f'każ li l-persuna tmur tgħix fi Stat Membru ieħor. Id-Direttiva tispeċifika li ordni Ewropea ta' protezzjoni tista' tinħareġ biss meta qabel tkun ġiet adottata miżura ta' protezzjoni fl-Istat mittenti, li timponi fuq il-persuna li tikkawża ħsara waħda jew aktar minn fost dawn il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet li ġejjin: projbizzjoni milli tidħol f'ċerti lokalitajiet, postijiet jew żoni definiti fejn tirresjedi jew iżżur il-persuna protetta; projbizzjoni jew regolamentazzjoni tal-kuntatt mal-persuna protetta; projbizzjoni jew regolamentazzjoni tal-avviċinament tal-persuna protetta f'distanza iqsar minn dik stipulata. Malli tirċievi ordni Ewropea ta' protezzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, mingħajr dewmien żejjed, irid jirrikonoxxi dik l-ordni u jadotta kwalunkwe miżura li tkun disponibbli skont id-dritt nazzjonali tiegħu f'każ simili biex jiżgura l-protezzjoni tal-persuna protetta.

X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jinstab ħati?

Ladarba jiġu konklużi d-deliberazzjonijiet, l-imħallef li jippresjedi jabbozza u jiffirma l-parti operattiva tas-sentenza u jiffassal sommarju konċiż tar-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hi bbażata s-sentenza. Is-sentenza ssir pubblika matul is-seduta b'qari tal-parti operattiva tagħha. Il-qari tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u tal-parti operattiva tas-sentenza hu ekwivalenti għal notifika tas-sentenza għall-partijiet preżenti matul is-seduta jew li għandhom ikunu hemm. L-imħallef jiddikjara kundanna jekk l-akkużat jinstab ħati tar-reat mingħajr ebda dubju raġonevoli. Bis-sentenza, l-imħallef jispjega s-sentenza imposta u kwalunkwe miżura ta' prevenzjoni (*misure di sicurezza*). Jekk it-trasgressur ikkundannat ikun insolventi, l-imħallef jordna lir-rappreżentant ċivili tiegħu jħallas il-penali finanzjarja. Barra minn hekk, l-imħallef jordna lit-trasgressur ikkundannat biex iħallas l-ispejjeż tal-proċess. Il-pubblikazzjoni tal-kundanna fil-gazzetti tiġi ordnata mill-imħallef fuq talba tal-parti ċivili u ssejtn bl-ispejjeż tat-trasgressur ikkundannat, u jekk ikun hemm bżonn tar-rappreżentant ċivili tiegħu wkoll. Is-sentenza jkun fiha:

l-intestatura "*in nome del popolo italiano*" ["f'isem il-poplu Taljan"] u indikazzjoni tal-awtorità li toħroġha;

id-dettalji personali tat-trasgressur u informazzjoni personali oħra li sservi biex jiġi identifikat u dettalji ġenerali tal-partijiet privati l-oħra għall-kawża;

l-akkuża;

indikazzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

spjegazzjoni konċiża tar-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hi bbażata d-deċiżjoni, b'indikazzjoni tal-evidenza li tiffirma l-bażi tad-deċiżjoni u spjegazzjoni tar-raġunijiet għalhekk l-imħallef iqs li l-evidenza kuntrarja mhix affidabbli;

il-parti operattiva, b'indikazzjoni tal-artikoli tal-istatuti appllikati;

id-data u l-firma tal-imħallef.

Is-sentenza tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti wara l-pubblikazzjoni. Jekk din ma tiġi ippubblikata fi żmien tletin jum, jew, soġġetta għal skadenza oħra, li ma taqbiż id-90 jum mill-ħruġ tagħha, notifika li nqatgħet is-sentenza tiġi komunikata lis-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika u lill-partijiet privati li jkollhom dritt li jappellaw, kif ukoll lill-avukat tad-difiża tat-trasgressur meta tinqata' s-sentenza.

Niġi informat(a) jekk it-trasgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

L-Artikolu 90-ter tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Codice di proċedura penale*) jistabbilixxi li, għal reati vjolenti kontra l-persuna, int trid tiġi informat(a) minnufih, jekk tkun tlabt hekk, dwar it-tnejniet għar-rilaxx jew għat-terminazzjoni ta' ordni ta' detenzjoni, u jekk l-imputat jaħrab mid-detenzjoni ta' qabel il-proċess jew mill-ħabs, u jekk it-trasgressur sentenzjat jonqos milli jikkonforma b'mod deliberat.

Inkun involut(a) f'deċiżjonijiet dwar ħelsien jew parole? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew nippreżenta appell?

Mhix Prattika ġenerali li l-vittma tiġi kkonsultata qabel jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet.

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fil-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-

tradutturi tagħna.

4 - Kumpens

X'inhil-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (eż. kawża l-qorti, talba ċivili, proċedura ta' adeżjoni)

It-tweġġta ta' reat u kundanna sussegwenti jfissru li l-parti vittma ta' reat tista' tftitex għad-danni. Il-liġi Taljana tipprovdi żewġ modi kif int tista' tikseb kumpens għad-dannu li ġarrabt:

Int tista' tissieħeb fil-proċedimenti kriminali kontra t-trasgressur bħala parti ċivili.

Int tista' tiftaħ kawża ċivili indipendenti.

Din hi għażla tiegħek, billi l-leġiżlazzjoni tħalli ż-żewġ proċedimenti separati: il-proċedimenti kriminali u l-proċedimenti ċivili.

Hu biss fuq talba li l-kawża tmur quddiem il-qorti, jew meta imputat jintbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża (f'seduta), li int tkun tista' tiġi assistit(a) mill-avukat tiegħek, tissieħeb f'kawża ċivili u b'hekk issir parti effettiva għall-proċedimenti, bid-drittijiet sħaħ tar-rappreżentazzjoni. Meta taqta' s-sentenza, il-qorti kriminali tagħtik somma, l-hekk imsejja għotja *interim*, li tkun eżegwibbli minnufih, b'riferiment għad-deċiżjoni dwar l-ammont totali u finali ta' kumpens lil qorti ċivili, li għandu jiġi stabbilit biss wara li s-sentenza kriminali tkun saret *res judicata*.

Bħala alternattiva għas-sħubija fi proċedimenti bħala parti ċivili, int tista' tiftaħ kawża ċivili indipendenti biex titlob kumpens għad-dannu li ġarrabt minħabba l-imġiba tat-trasgressur.

Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni danni / kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?

Meta l-qorti tordna lit-trasgressur biex iħallas għall-korrimenti jew għad-danni kkawżati lil vittma li tkun issieħbet fi proċedimenti bħala parti ċivili, din tista' tagħmel tliet affarijiet: issib soluzzjoni għad-danni, tagħmel ordni ġenerali għall-kumpens jew tordna l-ħlas ta' somma interim.

L-aħjar ħaġa għall-vittma tkun jekk is-sentenza tordna l-ħlas finali tad-danni: f'dak il-każ, fil-fatt, ikun possibbli li t-trasgressur jiġi informat bis-sentenza u bl-ordni ta' ħlas (*atto di precetto* - avviż tal-ħlas li jrid jinħareġ qabel ma jibdeu il-proċedimenti ta' infurzar), u b'hekk jiġi ordnat il-ħlas tal-ammont dovut, u jittieħed l-ewwel pass neċessarju għall-ħruġ ta' miżuri ta' infurzar f'każ ta' nuqqas persistenti min-naħa tat-trasgressur li jħallas (fliema każ dejjem ikun rakkomandat li jsiru inkjesti preliminari dwar l-assi li jistgħu jintalbu).

Sakemm l-għoti ta' kumpens ma ġie iddikjarat bħala eżegwibbli b'mod proviżorju u espliċitu, l-infurzar ikun kundizzjonali għall-finalità tas-sentenza, jiġifieri għan-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' appell sal-iskadenza.

Għaldaqstant, l-ordni ta' ħlas tista' tiġi komunikata flimkien mas-sentenza, inkluż f'każijiet fejn din tal-aħħar tordna l-ħlas ta' għotja interim li, barra minn hekk, dejjem tiġi ddkjarata bħala eżegwibbli minnufih. Madankollu, dan mhux dejjem ikun sodisfaċenti f'għajnejn il-vittma. Għaldaqstant, jekk tqis li dan ma jkunx suffiċjenti, int trid tiftaħ kawża ċivili indipendenti, li permezz tagħha kwalunkwe ħsara residwa tista' tiġi verifikata u tiġi imposta penali differenti għida fuq it-trasgressur.

Il-proċedimenti ċivili dejjem ikunu neċessarji fit-tielet xenarju possibbli, li fih il-qorti kriminali sempliċment toħroġ ordni ġenerali biex it-trasgressur iħallas kumpens, bla ma tiffissa l-ammont, minħabba li jkun hemm nuqqas ta' evidenza f'dan ir-rigward.

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, jista' l-Istat iħallasni avvanz? Taħt liema kundizzjonijiet?

Fuq il-bażi tad-Direttiva 2004/80/KE, implimentata fl-Italja permezz tad-dispożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, l-Istat irid jggarantixxi liċ-ċittadini u lil dawk li mhumiex ċittadini u li huma vittmi ta' reat vjolenti intenzjonat (qtil, ħsara fiżika serja intenzjonata, attakk sesswali), imwettaq fit-territorju Taljan, kumpens ġust u xieraq, kull meta t-trasgressur ma jiġix identifikat jew ma jittressaqx quddiem il-ġustizzja, jew, fi kwalunkwe każ, ma jkollux ir-riżorsi finanzjarji biex jikkumpens lill-vittmi għad-dannu li kkwazalhom, jew, jekk il-vittma tkun mietet, lill-familja tagħha.

Jien intitolat(a) għal kumpens mill-Istat?

(Ara aktar 'il fuq)

Jien inkun intitolat(a) għal kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?

Jekk l-imputat jinstab li hu innoċenti fi proċedimenti kriminali, dan ma jżommokx milli tiftaħ kawża għal kumpens fil-qorti ċivili, sakemm ma tkunx irrinnunzajt għal dan id-dritt billi ssihibt fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili.

Jien intitolat(a) għal ħlas ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi għall-kumpens?

Jekk tissieħeb fil-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili biex titlob ħlas lura u kumpens għad-danni, malli taqta' s-sentenza l-qorti tiddeċiedi wkoll dwar l-aspetti ċivili tal-kawża, skont l-Artikolu 533 c.p.p. F'każijiet li fihom ikun hemm evidenza li d-dannu ggarab minħabba r-reat (*an debeat*) iżda mhux kemm (*quantum debeat*), il-qorti toħroġ deċiżjoni ġenerika b'rabta mar-responsabbiltà ċivili u tirreferi lill-partijiet għal qorti ċivili biex jiġi stabbilit l-ammont (l-Artikolu 539 c.p.p.). **Madankollu, parti ċivili tista' titlob lill-qorti kriminali għal għotja interim**, fi ħdan il-limiti tad-dannu diġà ssostanzjat bl-evidenza. B'mod aktar preċiż, id-deċiżjoni proviżorja tordna lill-trasgressur u lill-rappreżentant ċivili tiegħu **biex iħallas somma bħala kumpens għad-danni qabel ma jsir il-kalkolu definittiv ta' dawn, u din tkun eżegwibbli minnufih**. Jekk strument li, fuq talba speċifika tiegħek, jipprovi d-ġustifikazzjoni biex it-trasgressur jiġi ordnat iħallas somma interim, meta l-qorti tqis li diġà jkun hemm evidenza konkreta ta' responsabbiltà, limitata għall-ammont li fir-rigward tiegħu tingħata s-somma interim; fil-fatt, anki fi proċedimenti kriminali, "m'hemmx bżonn, għall-finijiet ta' kalkolu tas-somma interim, li tiġi pprovduta evidenza tal-ammont tad-danni stess, iżda jkun biżżejjed li jkun hemm ċertezza li t-tali danni seħħew, sas-somma mogħtija (diviżjoni kriminali tal-Qorti tal-Kassazzjoni, Nru 12634/2001).

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġġett mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [it](#) diġà ġew tradotti.

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jiena vittma ta' reat, lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u għall-assistenza?

Wara l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni, bħala l-parti vittma ta' reat int tiġi pprovdut(a), f'lingwa li tista' tifhem, b'informazzjoni relatata ma' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fiż-żona lokali, faċilitajiet residenzjali, ċentri ta' rifuġju u ta' kenn. Jekk il-vittmi jinkludu minorenni, il-qorti tal-minorenni trid tiġi informata biex tivvaluta s-sitwazzjoni u l-miżuri ta' protezzjoni. Jekk titlob hekk, l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi jkollhom id-dmir li jdaħħluk f'kuntatt, fi kwalunkwe ħin, mal-organizzazzjonijiet li ġejjin:

servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

awtoritajiet speċjalizzati fl-appoġġ legali

Kunsilli tal-avukatura (*Consigli dell'Ordine*)

organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs)

kliniki legali â€ dipartimenti tal-mediċina forensika

awtoritajiet statali involuti fl-appoġġ legali (Ministeru tal-Ġustizzja, Ministeru tal-Intern)

Organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi

organizzazzjonijiet nongovernattivi â€ Assoċjazzjonijiet involuti fl-għoti ta' appoġġ legali lill-vittmi ta' reat

Trade unions: Konfederazzjoni Ġenerali Taljana tax-Xogħol (*Confederazione Generale Italiana del Lavoro; CGIL*) - Konfederazzjoni Taljana ta' Trade Unions tal-Fladdiema (*Confederazione Italiana Sindacati Lavoratori; CISL*) â€ Għaqda Taljana tax-Xogħol (*Unione Italiana del Lavoro; UIL*)

L-assoċjazzjoni Libera [organizzazzjoni kontra l-mafja] - 0832 683429â€683430

Ċentru ta' rifuġju għan-nisa f'Ruma - 06 6840 172006

L-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur

Network nazzjonali ta' assoċjazzjonijiet għad-drittijiet tal-anzjani (*Associazioni per i Diritti degli Anziani; ADA*) - 06 48907327

In-network Dafne (appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza) - 011 5683686

Linja Telefonika għall-Għajnuna Kontra t-Traffikar - 800 290 290

Linja Telefonika għall-Għajnuna Kontra l-Vjolenza - 1522

Linja Telefonika għall-Għajnuna Kontra d-Diskriminazzjoni - 800 90 10 10

Linja telefonika għall-għajnuna għall-vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali - 800 300 558

Linja telefonika għall-għajnuna għall-vittmi ta' terroriżmu u ta' kriminalità organizzata - 06.46548373 - 06.46548374 - 06.46548375

Linja telefonika għall-għajnuna għall-vittmi ta' reati relatati mal-mafja - 800 191 000

Linja telefonika għall-għajnuna għall-vittmi ta' estorsjoni u ta' użura - 800 -999 -000

Linja telefonika għall-għajnuna bil-lingwi kollha għar-rapportar ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni u ta' razziżmu - 800 90 10 10

Linja Telefonika ta' Emerġenza għall-minorenni - 114

L-appoġġ għall-vittmi hu mingħajr ħlas?

L-appoġġ għall-vittmi hu mingħajr ħlas.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mingħand l-awtoritajiet jew is-servizzi tal-Istat?

Reati mwettaq bi vjolenza jstgħu jħallu effetti trawmatiki fuq il-vittma, u b'hekk tista' tfittex l-assistenza mingħand is-servizzi pubbliċi xierqa pprovduti mill-awtorità lokali tas-saħħa (*Azienda Sanitaria Locale; ASL*), bħaċ-ċentri ta' konsulenza għall-familja (*consulorio familiare*), u mill-muniċipalità lokali (servizzi soċjali). Jekk il-vittmi jinkludu minorenni, il-qorti tal-minorenni trid tiġi informata biex tivvaluta s-sitwazzjoni u l-miżuri ta' protezzjoni. Jekk int titlob hekk, l-awtoritajiet tal-pulizija (pulizija militari (*Carabinieri*), pulizija tal-istat, pulizija muniċipali, eċċ.) ikollhom id-dmir li jdaħħluk f'kuntatt, fi kwalunkwe waqt, mal-organizzazzjonijiet li ġejjin: Xi ċentri ta' rifuġju għandhom djar sikuri li fihom, f'każijiet aktar serji, tista' ssib kenn biex taħrab minn vjolenza ulterjuri. Biex tikseb

informazzjoni u/jew tidħol f'kuntatt maċ-ċentri ta' rifuġju fiż-żona tiegħek, tista' ċċempel ukoll fuq in-numru tat-telefown mingħajr flas 1522, immexxi mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru Taljan. Jekk tinsab f'diffikultajiet personali, int tista' titlob ukoll l-assistenza ta' amministratur tal-appoġġ (*Amministratore di Sostegno*), individwu li jaħdem taħt it-tmexxija tat-Taqsima tat-Tutela tal-Qorti Ċivili u li għandu r-responsabbiltà li jassisti lill-individwi, mingħajr flas, li jsibu lillhom infushom f'diffikultajiet, inklużi diffikultajiet temporanji, biex jipprovdi għall-bżonnijiet tagħhom. Int tista' tippreżenta talba direttament lill-Qorti Ċivili jew tispjega d-diffikultajiet tiegħek lis-servizzi soċjali tal-muniċipalità lokali, biex dawn ikunu jistgħu jinformat lill-uffiċċju tal-affarijiet ċivili tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika, li jista' jordna t-teħid ta' azzjoni f'ismek.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirkievi mingħand organizzazzjonijiet nongovernattivi?

L-organizzazzjonijiet nongovernattivi jipprovdu tipi differenti ta' appoġġ, inkluż appoġġ psikoloġiku, akkomodazzjoni temporanja f'faċilitajiet bħal ċentri ta' rifuġju, appoġġ legali u pariri, appoġġ materjali, jipprovdu għall-bżonnijiet ta' kuljum, eċċ.

L-aħħar aġġornament: 13/10/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Qed nistinkaw biex intejbu l-Portal Ewropew e-Ġustizzja. Biex nifhmu aħjar il-bżonnijiet tiegħek, qed immexxu dan l-istħarriġ qasir. Se jieħu biss minuta mill-ħin tiegħek.

Iva Le, grazie